Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 50**

**Data:** Il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2026
**Ħin:** 18:00
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Is-Sur Anthony Chircop – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**50 .1 Ittri ta' apoloġiji**

50 .1.1 Il-President semma li s-Sur Anthony Chircop talab li jkun skużat.

50 .1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżel skużat.

**50 .2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 49**

50 .2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

50 .2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**50 .3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 49**

50.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Kav. Paul Farrugia u s-Sur Sandro Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn it-23 ta' Diċembru 2025 u d-29 ta' Jannar 2026 li kienet tammonta għal €163,035.09.

**50 .4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 49**

| | |
|---|---|
| **50.4.1 ELDW** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet applikat sabiex tieħu t-titlu mill-Kunsill tal-Ewropa ġewwa Strażburgu. |
| **50.4.2 Xjenza Malta** | Il-President semma li kien ser jiġi ffirmat MoU bejn Xjenza Malta u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex dan jassisti lill-Kunsilli Lokali jagħmlu użu u jibbenifikaw aħjar mill-inizjattivi ta' Xjenza Malta kif ukoll isir użu minn spazju ta' Xjenza Malta mill-Kunsilli, Reġjuni u AKL. |
| **50.4.3 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li ser inkomplu naħdmu fuq il-proġett li jistabbilixxi r-Rotta tal-Feniċi ġewwa Malta. L-iskop huwa li nidentifikaw il-lokalitajiet li jagħmlu parti minn din ir-rotta u waqt anki cerimonja żgħira nagħtuhom plakka ta' identifkazzjoni sabiex isiru parti mill-mappa li fuqha mibnija r-Rotta fil-Kunsill tal-Ewropa. |
| **50.4.4 Eliġibilità tal-** | Il-President semma li kien hemm talba u anki l-bżonn li jerġgħu jinfetħu d-diskussjonijiet fuq l-eliġibilità tal-kandidati għall- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Ħaddiema Klerikali** postijiet vakanti mal-Kunsilli Lokali kif ukoll għall-progessjoni fil-karriera tagħhom. Semma li saru xi laqgħat mal-UĦM anki fil-preżenza tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikunu hemm qbil fuq dak li għandu jiġi emendat. Semma li f'każ li jiġu maqbula l-emendi meħtieġa dawn jiġu fformulati u ffirmati b' MoU separat.

**50.4.5 Charging Stations** Il-President semma li r-responsabilità ta' charging stations fil-lokalitajiet issa marret taħt ir-responsabilità tal-Climate Action Agency.

**50.4.6 Tribunali Lokali** Il-President semma li kien hemm laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ġustizzja fil-preżenza tal-Kunsilli Reġjonali fejn ta spjega ta' dak li kien qed jiġi pjanat li ser issir mit-Tribunali. Semma wkoll li kien hemm indikazzjoni li sat-tieni kwart tas-sena 2026, it-Tribunali jibdew jew ikunu bdew jiċaqilqu għal taħt Ministeru ġdid.

**50.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2025**

**50 .5.1** Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2025. Semma li kien stmat din is-sena ngħalqet b'bilanċ pożittiv ta' madwar €130,000. Semma li dan kien previst li jsir peress li s-sena 2024 kienet ingħalqet b'deficit li kien ukoll previst li jista' jiġi rkuprat fis-sena 2025.

**50 .5.2** Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, kien hemm qbil mill-Eżekuttiv għall-approvazzjoni tar-rapport.

**50 .6 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finazjarju għas-Sena 2025**

**50 .6.1** Il-President preżenta r-rapport abbażi tal-figuri li bihom ingħalaq ir-Rapport tar-Raba' Kwart tas-Sena 2025.

**50 .6.2** Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, kien hemm qbil mill-Eżekuttiv għall-approvazjoni tar-rapport.

**50 .7 Preżentazzjoni u approvazzjoni Business Plan 2026-2030**

**50 .7.1** Il-President ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv u spjega li dan huwa bbażat fuq il-figuri li ntużaw għat-tħejjija tal-estimi finanzjarji għas-sena 2026.
Is-Sur Jesmond Aquilina reġa' esprima l-preokkupazzjoni tiegħu dwar il-fatt li l-Assoċjazzjoni tidher li ser tkun qed tibbaża l-estimi tagħha fuq l-għeluq tas-sena

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

finanzjarja b'defiċit. Huwa fakkar li din il-preokkupazzjoni kien diġà kkomunikaha permezz ta' komunikazzjoni uffiċjali.
Il-President irrikonoxxa l-punti mqajma mis-Sur Aquilina u semma li, proprju għalhekk, ġew annessi mal-minuti tal-laqgħa preċedenti l-korrispondenza li għaddiet bejn l-Assoċjazzjoni u l-Ministeru tal-Finanzi.
Kompla jispjega li, jekk l-Assoċjazzjoni ma tagħmilx l-istess enfasi fuq it-talba tagħha kif għamlet sabiex żammet l-allokazzjoni li kellha fis-sena 2025 hemm riskju serju li l-pożizzjoni finanzjarja tkompli tiddgħajjef. Dan fid-dawl tal-indikazzjonijiet li d-dħul mill-LES jista' jitnaqqas, peress li l-Aġenzija LESA tidher li ser tieħu ħsieb it-trasferimenti kollha tal-kontravenzjonijiet li jidħlu mingħand Transport Malta. Barra minn hekk, jidher ukoll li hemm il-ħsieb li l-istess aġenzija tibda tieħu ħsieb il-ġestjoni tal-ħlasijiet tal-kontravenzjonijiet li jsiru permezz tal-pagamenti online.
Il-President enfasizza li dawn l-iżviluppi jistgħu jkollhom impatt dirett u sostanzjali fuq id-dħul tal-Assoċjazzjoni u għaldaqstant jeħtieġ approċċ strateġiku u koordinat fil-konfront tal-awtoritajiet konċernati.
Is-Sur Jesmond Aquilina semma li important li sa Marzu jgħaddulna parti mill-allokazzjoni addizzjonali li kkomettew ruħhom li jagħtuna. Is-Sur Sandro Azzopardi semma li l-Assoċjazzjoni dejjem tiprepara r-Rapporti Finanzjarji fil-ħin għaldaqstant f' April kif jingħalaq l-ewwel kwart tas-sena 2026 wieħed ikun jaf fejn qiegħed.

**50 .7.2** Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, kien hemm qbil mill-Eżekuttiv sabiex ir-rapport ikun approvat kif preżentat.

### 50 .8 Budget għas-Sena 2026

**50 .8.1** Il-President preżenta l-Budget għas-sena 2026. Semma li wara li l-Assoċjazzjoni tnaqsitilha 45% allokazzjoni għas-sena 2026 minn dik allokata għas-sena 2025, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv żammew laqgħat u komunikazzjoni kemm mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mas-Segretarju Permanenti tal-Finanzi sabiex tinġib għall-attenzjoni tagħhom, il-commitments li hemm anki permessi ta' impjiegi maħruġa li jekk kellhom jiġu ingaġġati dawn il-ħaddiema biss l-allokazzjoni mogħtija lill-AKL ma sservix biex tħallas is-salarji u l-ispejjeż amministrattivi. Għaldaqstant semma li l-Budget għas-sena 2026 kien qed jiġi preżentat b' deficit ta' €362,139. Dan anki wara li permezz tal-laqgħat li saru hekk kif imsemmija il-Ministeru tal-Finanzi assigura li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tingħata lura dak li kien imnaqqas mingħajr l-ebda pre-avviż.

Is-Sur Jesmond Aquilina semma li hemm Kunsilli Lokali li mhux qed isservihom l-allokazzjoni u li wkoll li għad hemm Kunsilli li għadhom iridu jħalsu lir-Reġjun tas-servizz tal-ġbir ta' skart. Is-Sur Aquilina semma li important li l-Assoċjazzjoni tagħmel provision għal dan id-deficit li qed tgħid li jista' jkun hemm.

Is-Sur Stephen Sultana semma li ma jistax wieħed jagħmel provision jekk din in-nefqa għadha ma saritx. Semma li jekk dawn il-fondi ma jaslux mill-Ministeru tal-Finanzi l-Assoċjazzjoni tkun qed tieħu mir-riżervi.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Dr. Samuel Azzopardi semma li kull kwart l-Assoċjazzjoni tkun qed tara kif inhi sejra fil-qagħda finanzjara tagħha u għaldaqstant dan mhux ser ikun problema daqkemm forsi wieħed qed jaħseb. Ir-raġuni hi li wieħed jirrevedi l-Budget wara nofs is-sena jekk kemm-il darba dawn il-fondi ma jaslux.

Il-President talab li tkun annessa mal-minuti, il-komunikazzjoni preżentata u mmarkata bħala Dok A.

Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u H.E. Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-budget hekk kif preżentat.

**50.9 Komunikazzjoni mill-President**

50.9.1 Il-President żied jgħid li kienet ħarġet komunikazzjoni mill-Aġenzija LESA fejn ġie indikat li l-Aġenzija ma kinitx ser tibqa' taċċetta ħlasijiet b'ċekkijiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali. Huwa speċifika li ċekkijiet kienu ser jiġu aċċettati biss jekk jitressqu direttament fl-uffiċini tal-Aġenzija LESA.

50.9.2 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet attendiet għal Community Development Forum organizzat mill-FSWS. Huwa spjega li l-parteċipazzjoni tal-Assoċjazzjoni f'dan il-forum kienet importanti sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet u jiġu diskussi inizjattivi relatati mal-iżvilupp soċjali u l-benesseri tal-komunitajiet.

50.9.3 Il-President semma li nhar it-12 ta' Frar ser issir it-tnedija tad-dokument dwar l-Ispazji Miftuħa, bħala pilastru ieħor ta' linji gwida mnedija mill-Assoċjazzjoni bħala parti mill-Viżjoni tagħha.
Huwa spjega li dan id-dokument jifforma parti minn qafas strateġiku usa' li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet, permezz ta' ppjanar aħjar, ġestjoni sostenibbli u valorizzazzjoni tal-ispazji miftuħa fil-lokalitajiet kollha. Enfasizza wkoll li din l-inizjattiva tkompli tibni fuq il-prinċipji u l-objettivi stabbiliti fil-Viżjoni tal-Assoċjazzjoni.

50.9.4 Il-President informa lill-Eżekuttiv li kien hemm rakkomandazzjoni minn Circular Economy Malta rigward il-magni tal-BCRS meta dawn jintalbu jiġu rilokati minn post għall-ieħor fuq rakkomandazzjoni jew talba tal-Kunsill Lokali. Spjega li qed ikun hemm każijiet fejn il-Kunsill ikun approva sit u tkun ġiet installata l-magna, iżda sussegwentement tinħoloq il-ħtieġa ta' rilokazzjoni min-naħa tal-BCRS.
Huwa ċċara li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn il-Kunsill wara l-approvazzjoni jitlob li l-magna tiċċaqlaq, il-Kunsill ikun obbligat japplika hu stess għal DNO u jġorr ukoll l-ispejjeż relatati mal-proċess ta' rilokazzjoni.
Is-Sur Max Zammit ma qabilx ma' ċerti aspetti tal-proċess kif spjegat, filwaqt li l-President enfasizza li kull sit magħżul għall-magni tal-BCRS ikun sar b'approvazzjoni jew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali rispettiv.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Is-Sur Jesmond Aquilina sostna li għandu jkun hemm proċess komuni u uniformi dwar kif jiġu trattati dawn il-każijiet. Is-Sur Charles Bonello rrimarka li r-rilokazzjoni ta' magna tinvolvi spiża li tista' tkun eċċessiva u għaldaqstant mhuwiex għaqli li jinbidel is-sit b'mod frekwenti. Sostna li l-Kunsill għandu jagħmel evalwazzjoni bir-reqqa mill-bidu nett dwar il-post fejn ser tkun installata l-magna. Żied jgħid li din mhijiex kwistjoni ta' Kunsill li jbiddel fehmtu, iżda kwistjoni ta' proċess u nefqa pubblika.

Għaldaqstant, kien hemm qbil li għandu jiġi esplorat il-ħruġ ta' legal notice li jistabbilixxi u jirregola l-proċedura taċ-ċaqliq ta' dawn il-magni.

Il-President irrimarka li hemm każijiet li ilhom pendenti għal aktar minn sena, u għalhekk hemm il-ħtieġa ta' proċedura standardizzata. Is-Sur Max Zammit insista li kwalunkwe legal notice għandha tenfasizza li l-aħħar deċiżjoni dwar is-sit tibqa' tal-Kunsill Lokali.

Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Charles Bonello ma qablux li dawn iż-żoni kellhom jitqiesu bħala "test", u sostnew li s-siti kellhom jintgħażlu bl-aħjar mod possibbli mill-ewwel. Sar paragun ma' proġett infrastrutturali, fejn Kunsill ma jibnix faċilità biex imbagħad ineħħiha wara ftit xhur minħabba inkonvenjent.

Is-Sur Max issuġġerixxa li jekk ser ikun hemm xi tip ta' ftehim jew firma bejn l-Assoċjazzjoni u l-BCRS qabel ma jiġi ffirmat Memorandum of Understanding dan għandu jitressaq għall-attenzjoni tas-Sindki sabiex tiġi adottata pożizzjoni maqbula kollettivament.

Chev. Paul Farrugia u s-Sur Jesmond Aquilina qablu li għandha tiġi stabbilita proċedura ċara biex tkun assigurata l-uniformità fil-proċess. Kien hemm ukoll qbil unanimu li, f'każ ta' rilokazzjoni, is-sit alternattiv għandu jiġi indikat mill-Kunsill Lokali rispettiv.

50.9.5 Il-President informa lill-Eżekuttiv li kienet saret laqgħa mal-OHSA, fejn ġie kkonfermat li, bħala miżura li ħierġa mill-Budget, l-OHSA għandha fondi allokati sabiex tipprovdi taħriġ lill-Kunsilli Lokali.

Huwa spjega li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkordina dan it-taħriġ sabiex jiġi żgurat li jkun aċċessibbli u strutturat skont il-ħtiġijiet tal-Kunsilli Lokali.

Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni ser tkompli taħdem sabiex sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu tniedi linji gwida dwar l-assessjar tar-riskju waqt attivitajiet pubbliċi, bil-għan li jkun hemm aktar ċarezza, prevenzjoni u konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà.

50.9.6 Il-President informa lill-Eżekuttiv li nhar it-8 ta' Marzu ser jiġi organizzat International Forum fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara, minn stakeholder internazzjonali.

Huwa spjega li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkontribwixxi għal dan l-avveniment billi tiffinanzja l-ikla ta' nofsinhar għal 15-il persuna. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ser jipprovdi l-premises fejn ser isir l-avveniment kif ukoll jiffinanzja l-coffee break.

Il-President enfasizza li din il-kollaborazzjoni turi l-impenn tal-Assoċjazzjoni li tappoġġja inizjattivi relatati mal-ugwaljanza u l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fil-komunità.

50.9.7 Il-President informa lill-Eżekuttiv li kien ġie sottomess proġett taħt il-programm Interreg Italia–Malta, f'kollaborazzjoni mal-belt ta' Caltagirone fl-Italja.

Huwa spjega li l-proġett jipprevedi l-ħolqien ta' itinerarju kulturali marbut ma' Caravaggio, bil-għan li jissaħħu r-rabtiet storiċi u artistiċi bejn iż-żewġ territorji u fl-istess ħin jiġi promoss turiżmu kulturali ta' kwalità.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Il-President enfasizza li din l-inizjattiva tkompli ssaħħaħ il-koperazzjoni internazzjonali u toħloq opportunitajiet ġodda kemm fil-qasam kulturali kif ukoll f'dak turistiku u edukattiv.

50.9.8 Il-President informa lill-Eżekuttiv li s-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet għal workshop bejn l-Assoċjazzjonijiet, organizzat f'Ruma mill-Eurocities, fejn fost suġġetti oħra ġie diskuss il-EU Multiannual Financial Framework (MFF).
Huwa spjega li d-diskussjoni ffukat fuq il-prijoritajiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu li ġej u l-impatt tagħhom fuq il-livell lokali u reġjonali.
Il-President żied jgħid li, anke fuq bażi ta' diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitatt tar-Reġjuni, qed ikun mitlub li l-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali jkollhom djalogu attiv mal-Membri Parlamentari Ewropej tal-pajjiż rispettiv dwar dan is-suġġett, sabiex il-vuċi tal-gvern lokali tkun riflessa fil-pożizzjoni nazzjonali dwar l-MFF.

50.9.9 Il-President semma li t-taħriġ organizzat mill-AKL f'kollaborazzjoni mal-NAO, id-DLG u l-ANSEK dwar il-proċess tal-awditjar kien wieħed ta' suċċess u produttiv.
Huwa spjega li dan it-taħriġ offra pjattaforma importanti sabiex jiġu ċċarati aspetti proċedurali relatati mal-awditjar tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li saħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-entitajiet involuti. Ġie enfasizzat ukoll li inizjattivi bħal dawn jgħinu biex jissaħħu l-governanza tajba, it-trasparenza u l-konformità mal-obbligi regolatorji.

50.9.10 Il-President żied jgħid li ser issir laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Intern u mal-Korp tal-Pulizija sabiex jiġu diskussi l-ħlasijiet relatati mal-pulizija meta attivitajiet pubbliċi organizzati mill-Kunsilli Lokali jiġu kkanċellati.
Huwa spjega li ser tiġi indirizzata wkoll il-kwistjoni tal-garanzija bankarja ta' €5,000 li, f'ċerti każijiet, qed tintalab mill-Pulizija lill-Kunsilli għal attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali stess. Enfasizza li hemm bżonn ta' ċarezza u uniformità f'dan il-proċess sabiex jiġu evitati piżijiet finanzjarji mhux neċessarji fuq il-Kunsilli u sabiex ikun hemm proċedura konsistenti applikabbli għal kulħadd.

50.9.11 Il-President informa lill-Eżekuttiv li l-ALDA Festival ser isir bejn it-12 u l-14 ta' Mejju ġewwa Malta. Semma wkoll li kien ser jagħmel laqgħa mal-MTA fuq assistenza finanzjara għal dan il-festival li mistenni li jkun hemm mal-180 delegat internzzjonali.
Huwa ssuġġerixxa li tiġi esplorata l-possibbiltà li l-Laqgħa tas-Sindki tiġi inkorporata fil-programm tal-festival, sabiex jinkiseb aktar valur miżjud u parteċipazzjoni usa', filwaqt li jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi u l-opportunità ta' networking ma' parteċipanti internazzjonali.

50.9.12 Is-Sur Charles Bonello u H.E Clifford Galea Vella talbu li jkunu skuzat fis-19:13

50.9.13 Il-President informa lill-Eżekuttiv li l-AKL irċeviet taħrika sabiex tippreżenta xhieda f'każ miftuħ minn eks membri tal-AKL kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.
Huwa spjega li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkopera mal-awtoritajiet kompetenti u ssegwi l-proċeduri legali meħtieġa f'dan ir-rigward, filwaqt li tiżgura li l-interessi tal-Assoċjazzjoni jkunu mħarsa kif suppost.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

50 .9.14 Il-President informa lill-Eżekuttiv li s-Segretarju Eżekuttiv attendiet kors ta' taħriġ dwar employment law.
Huwa spjega li dan it-taħriġ ser jikkontribwixxi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Assoċjazzjoni, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-konformità mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-governanza interna.

50 .9.15 Il-President informa lill-Eżekuttiv li l-ktieb dwar it-turiżmu sostenibbli jinsab fl-aħħar stadju ta' draft.
Huwa spjega li dan id-dokument issa jinsab fil-fażi finali ta' reviżjoni qabel ma jitressaq għall-pubblikazzjoni, u li l-għan tiegħu huwa li jipprovdi qafas strateġiku u rakkomandazzjonijiet konkreti dwar l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli, b'enfasi partikolari fuq il-livell lokali u l-kuntest tal-gżejjer.

50.9.16 Il-President informa lill-Eżekuttiv li kienet saret laqgħa mal-OPSA sabiex jibda jiġi materjalizzat il-Memorandum of Understanding li kien ġie ffirmat bejn iż-żewġ partijiet.
Huwa spjega li l-għan tal-laqgħa kien li jiġu identifikati passi konkreti ta' implimentazzjoni u oqsma ta' kollaborazzjoni, sabiex il-ftehim ma jibqax biss fuq livell formali iżda jittraduċi ruħu f'inizjattivi u azzjonijiet prattiċi ta' benefiċċju għall-Kunsilli Lokali.

50.9.17 Il-President informa lill-Eżekuttiv li kien mistieden għal intervista fuq Radju Campus fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Assoċjazzjoni.

50.9.18 Il-President informa lill-Eżekuttiv li qed jiltaqa' working group magħmul minn rappreżentanti tal-AKL, Green MT, GreenPak, id-DLG u WasteServ, bil-għan li jitħejja studju dwar kif jista' jitnaqqas l-iskart imħallat miġbur mill-bins f'żoni pubbliċi, bħal ġonna u spazji miftuħa oħra.

50.9.19 Is-Sur Steven Axisa qajjem il-kwistjoni tal-ħamiem selvaġġ u staqsa minn fejn il-Kunsill għandu jistenna direzzjoni, meta jidher li la d-Directorate tas-Saħħa u lanqas id-Direttorat tal-Animal Welfare ma taw gwida jew direzzjoni ċara dwar kif din il-problema għandha tiġi mitigata.

50.9.20 Il-President talab lill-membri tal-Eżekuttiv sabiex dawk li huma interessati f'żjara ġewwa San Patrignano jirreġistraw l-interess tagħhom sabiex ikun jista' jsir l-arranġament meħtieġ.
Kien hemm qbil li l-ispejjeż tat-titjiriet tal-membri tal-Eżekuttiv jitħallsu mill-Assoċjazzjoni, filwaqt li d-DSA tittieħed mill-Kunsill jew mir-Reġjun rispettiv ta' kull membru parteċipanti.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**50 .10 Aġġornament**

50 .10.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Frar 2026 fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**